# Taħriġ Kapitlu 3- Is-Sette Giugno, pġ. 94,96

**Imla l-vojt fis-sentenzi biex tkompli l-analiżi tal-ġrajjiet u l-fatti f'din il-parti tar-rumanzett. Il-kliem agħżlu mill-kaxxa li tinsab fl-aħħar tal-eżerċizzju.**

1. Wara t-tmiem tal- ___________________________________, il-____________________ f'Malta naqas sew, ħafna nies tilfu x-_________________, il-faqar żdied, il-prezzijiet tal- ______________ bdew jogħlew u kien hawn fil-pajjiż atmosfera mimlija __________________.

2. Kollox żbroffa fis-7 ta' Ġunju ______________, għalkemm kien hemm diversi protesti iżgħar fix-xhur ta' qabel. Folla nies daħlet il- ______________u attakkat bini amministrat mill- _____________, stamperija pro-Ingliża u proprjetà ta' negozjanti tal- ______________. Hemm min jgħid li r-raġuni għall-protesti kien l- ______________ tal-prezzijiet tal-ikel, u hemm min jgħid li dawk li ħarġu jipprotestaw kienu qed jagħmlu hekk biex jitolbu aktar ____________________ mingħand l-Ingliżi. Aktarx li ż-żewġ elementi tħalltu flimkien.

3. L-_________________ spiċċaw ħażin għax is-suldati Ingliżi qatlu ______________ protestanti Maltin, u Malti ieħor miet mill-ġrieħi ftit jiem wara. Ftit wara, ir-rappreżentanti tal-Maltin bdew jinnegozjaw mal-________________________, u fl-_____________Malta ngħatat l-ewwel _______________________ li kienet tagħti drittijiet kbar lir-rappreżentanti tal-Maltin. Din kienet magħrufa bħala tas-_______________________________, u kienet l-ewwel pass importanti lejn l-_______________________.

4. Fir-rumanzett, is-___________________ hu magħmul bħala mument kritiku fejn is-soċjetà Maltija qed turi li qed tfittex l-____________________, li qiegħda taħseb b'________________ u mhix ________________ l-affarijiet imposti fuqha.

5. Però minbarra d-diskors tas-soltu dwar l-irvellijiet, il-ġuħ, il-ħobż, id-drittijiet ċivili fost l-oħrajn, Ebejer jipprovdi dawl ieħor interessanti. Id-__________________ li għandna dwar is-Sette Giugno jseħħ fid-dar ta'_____________. Għandna tnejn min-nies, it-tnejn, ir-raġel u l-mara, li t-tnejn studjaw, Pietru huwa_________________, martu _______________ wkoll, allura minkejja li Pietru jitħalla jgħid ħafna affarijiet li huma konvenzjonali f'ċertu sens, dak li tgħid martu huwa wkoll interessanti għax turi li d-drittijiet ċivili weħidhom mhumiex se jwassluna fejn irridu naslu.

6. Hemm din l-idea li l-________________ trid twasslek ukoll biex tgħix aħjar b'mod materjali. Inutli tkun bniedem ______________ jekk int tkun mejjet bil-ġuħ. Għalhekk Ebejer qiegħed iwaħħad dawn l-affarijiet flimkien.

7. "Ħalli li m'għandniex nagħtu daharna lill-ebda _______________, għax kull waħda minnhom, Anglo-Sassona, Latina, u x'naf jien, hija tal-__________________ kollha; aktar u aktar fil-każ tagħna, meta aħna kawlata sħiħa ta' influwenzi u kromożoni ______________ u _______________!"

8. Aħna frott iż-żmien li għaddejna minnu. L- _____________ ġabitna dak li aħna, imma fil-fond tal-kultura tagħna rridu nżommu l-_______________ li jagħmluna Maltin mingħajr ma nwarrbu kulturi oħrajn.

Ewropej, *self-government*, politika, Istorja, għeruq, ikel, Belt, erba', emanċipazzjoni għalliem, xogħol, għoli, Ingliżi, drittijiet, kostituzzjoni, Indipendenza, Semitiċi, Sette Giugno, Ewwel Gwerra Dinjija moħħha, 1919, taċċetta, diskussjoni, Pietru, irvellijiet, għalliema, ħieles, 1921, qamħ, kultura, umanità, kummerċ, Gvern Ingliż, tensjoni.